**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 15 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 238/02 AJD**

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Antonella Cutajar sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Antonella Cutajar**

**vs**

**Lawrence Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Frar, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tnejn u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm892.99) jew somma ohra verjuri, rappresentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tat-22 ta' Novembru, 2000, fi Triq il-Ferrovija, Santa Venera, bejn vettura numru ta' registrazzjoni DAP 535 misjuqa mill-konvenut u vettura numru ta' registrazzjoni ANT 112 misjuqa minn u propjeta' tal-assikurata Antonella Cutajar, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi sitt liri Maltin (Lm6.00) tal-konsult, dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz tat-talba kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, u bl-imghax, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri, in rappresentanza tal-atturi, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u tnejn u disghin lira Maltin u disgha u disghin centezmu (Lm892.99) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**